Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 16- Il-Ħamis 9 ta' Settembru 2020**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill nhar il-Ħamis 9 ta' Settembru fl-16:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

**16.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.**

**16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

16.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**16.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

16.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 16.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

16.4.1 Is-Sindku rrefera għal laqgħa li kellu online dalgħodu rigward il-Masterplan li ser isir għal Widien f'Għawdex. Huwa rrefera għal fatt li f'Għajnsielem qed isir studju fuq il-Wied ta' San Martin u l-Wied tal-Imgarr. Spjega ukoll li ser issir Public Consultation Meeting anke f'Għajnsielem stess biex il-bdiewa u l-land owners ikunu jistgħu jattendu biex flimkien jiddiskutu l-manutenzjoni tagħhom, il- water catchments, l-istudju dwar l-abitat,ecc. Din il-laqgħa ser issir nhar is-Sibt 26 ta' Settembru fit-3pm. Dan l-Masterplan ser ikun jinkludi pjan ta' 10, 20 u 50 sena biex nippreservaw il-widien tagħna.

16.4.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal fatt li llum stess l-ħaddiema tal-Kunsill naddfu n-naħa ta' wara tal-Wied ta' Simirat mit-terrapien li inġabar.

16.4.3 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu flimkien mar-Regjun Għawdex mal-Enforcement Board and Compliance tal-MTA fejn matulha ġew diskussi l-akkomodazzjoni tal-kiri u l-problemi li jgibu magħhom.

16.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-problemi li kellna fiż-Żewwieqa fir-rigward ta' permessi ta' mwejjed u siġġijiet għar-restoranti. Kwistjoni simili seħħet ukoll fi' Pjazza Indipendenza fejn bar minnhom poġġa mwejjed u siġġijiet ġo żona li normalment kienet tintuża matul il-ġranet tal-Festa minn bar ieħor.

16.4.5 Fuq l-istess tema, is-Sindku semma wkoll l-każ li ġie approvat permess permanenti għal imwejjed u siġġijiet fi' Pjazza Indipendenza mingħar ma' kien involut il-Kunsill fil-proċess. Is-Sindku qal li filwaqt li l-Kunsill jaqbel fil-prinċipju li jkun hemm imwejjed u siġġijiet minflok vetturi f'din il-pjazza storika, f'ċirkustanzi bħal dawn il-Kunsill għandu jkun ikkonsultat għaliex wara jinħolqu ħafna problemi. Pereżempju ir-railing ta' madwar dawn l-imwejjed u siġġijiet qishom bollards tal-parking mentri f'din il-pjazza kien jixraq disinn ferm aktar klassiku.

16.4.6 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mas-Superjur General tal-Museum rigward il-proġett tat-turf tal-Mużew fejn wara din il-laqgħa ġew

mibgħutha lilu l-proposti bil-miktub għad-diskussjoni tagħhom u nistennew minn għandhom.

16.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal-laqgħa rigward il-ġbir tal-ħġieġ li ser jibda jinġabar fil-kontenitur tal-plastik provdut mill-Wasteserv. Jidher li ser tkun ftit problema għax ser jibqa uħud li joħorġu l-flixken fil-kaxxi tal-kartun. Tressqet il-proposta li ninsistu sabiex jinġabar bi trakk ta' dual partition jew inkella l-ġabra ssir nhar ta' Tlieta biex l-ewwel jinġabar il-ħġieġ u wara jinġabar il-kartun mal-ġabra tar-recycled material.

16.4.8 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħtieġa tal-irranġar tat-trakk tal-Kunsill u għal fatt li ma jiflaħx iżjed għal ħafna strapazz. Fl-assenza ta' trakk tal-Kunsill, għamilna użu mit-trakk tal-Għaqda tal-armar għal ħafna ġranet. F'dan ir-rigward is-Sindku ssuġġerixxa li meta jkollna ħafna skart, jew xi vieġi oħra, għandna nużaw it-trakk tal-armar u nħallsuhom tal-użu tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' dan. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura ssuġġerixxa li jekk ikun hemm xi skema li permezz tagħha nkunu nistgħu ngibu xi trakk għandna nkunu minn ta' l-ewwel li napplikaw.

16.4.9 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-deċizzjoni li kien ħa l-Kunsill sabiex isir *outdoor gym* fil-Belvedere tal-Hamri. Huwa spjega kif dawn ser jitpoġġew minflok żewġ bankijiet li minflok nistgħu neħduhom iż-Żewwieqa iżda mid-dehra qed jintużaw. Il-Kunsill qabel ma' dan u li għandna nakkwistaw il-kwotazzjoniet għall-open gym u niddiskutuhom fil-laqgħa li jmiss.

16.4.10 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-approvazzjoni tal-permess tal-librerija sabiex intellgħu sular ieħor. Il-permess huwa mistenni li joħroġ fl-aħħar tax-xahar. Is-Sindku rrefera għall-istima li nġabret mingħand il-mastrudaxxa Chris Mifsud għax-xogħol tal-injam għaż-żewġ sulari li hija mistennija titla' għal madwar €5000. Sar qbil li jekk inhu possibli jinġabru aktar stimi.

16.4.11 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-problema tat-tisqifa tad-daħla tal-iskola. Huwa spjega kif ilu ħafna jiġri u jitlob stimi, kemm mas-supplier u kif ukoll ma' oħrajn u bqajna għadna ma nfidniex. Huwa propona li nibdlu t-tisqifa f'waħda tal-ħadid. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li għandha ssir struttura li b'xi mod tgħaqqad il-librerija mis-sular ta' fuq għat-tieni sular tal-uffiċju tal-Kunsill. Sar qbil li għandna nitkellmu mal-Perit biex niddiskutu dawn l-emendi.

16.4.12 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għar-railing tal-Belveder li issa nbarax kollu u eventwalment ser niżbħuh b'żebgħa tajba. Is-Sindku talab il-parir ta' sħabu dwar il-kulur taż-żebgħa jekk inħalluħx abjad jew le minħabba l-ħmieġ tan-naħal. Il-Kunsill qabel li għandna niħdu parir mill-Perit tal-proġett. Ġiet diskussa wkoll l-għoli tar-railing u qed jiġi kkunsidrat li r-railing tinqatalu parti biex jitbaxxa billi oriġinarjament kien sar żball u l-għoli tal-kurduni ta' taħt ma' kinux ikkalkulati. Sar qbil li din il-materja tiġi wkoll diskussa mal-Perit.

16.4.13 Is-Sindku Kevin Cauchi poġġa għad-diskussjoni jekk għandux jerġa jibda jiġi organizzat il-kors tal-bizilla minħabba ċ-ċirkustanzi tal-Covid jew filkaż jinqasam f'żewġ gruppi. Il-Kunsill qabel li għandna niddiskutu dan ma' l-għalliema u noħorgu l-applikazzjonijiet u nimxu minn hemm.

16.4.14 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal hump tac-cement għoli ta' bankina li teżisti quddiem ta' Rapa Hardware Store u li l-iskop tagħha huwa biex l-ilma jiġi diverted u li qed tkun kaġun li s-sewwieqa qed jifqgħu t-tyre tal-vetturi tagħhom magħha . Huwa għalhekk propona li għandu ssir railing biex din tkun tidher.

16.4.15 Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba li rċevejna mingħand il-Kumitat Ismijiet tat-Toroq biex nipproċedu bil-proposti tal-ismijiet il-ġodda lit-toroq Triq il-Balzunetta u Trejqa Dun Karm Cassar u nibgħatulhom spjegazzjoni għaliex saret din l-għażla tal-ismijiet.

16.4.16 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal appell tal-applikazzjoni tas-*sheep farm* li għandu jinstema' nhar id-29 ta' Settembru.

16.4.17 Is-Sindku rrefera ghal fatt li ghamilna rapport mal-pulizija dwar vlegeg li inzebghu fuq il-blat mal-kosta t'Ghajnsielem. Il-pulizija jidher li qabdu minn ghamilhom u hadu azzjoni.

## 16.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

16.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg irrefera għall-ħtieġa ta' bozza ġdida fi sqaq fi Triq Għajnsielem. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba u sar qbil li għandna niċċekjaw jekk nistgħux nagħmlu fanal flok lampa.

16.5.2 Il-kunsillier Larry Buttigieg rrefera għall-ħtieġa ta' żabra għall-palm quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandna nressqu din it-talba lid-Dipartiment tal-Agrikoltura u ninkludu wkoll il-palm tal-Playing field Amabile Cauchi u dawk tal-Belvedere Sant' Eliju.

16.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca ressaq it- talab sabiex isiru double yellow line quddiem il-frame ta' Triq l-Imġarr. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

16.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab sabiex nibdlu l-light fittings tac-central strip li hemm fi Triq il-Ġnien għal oħrajn li ma' jgħamux lis-sewwieqa billi jitfaw biss dawl l-isfel.

16.5.5 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ħtieġa li ssir tinda xierqa liż-żiemel li tpoġġa riċentament f'Ta' Passi. Sar qbil ma' dan.

16.5.6 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għall-ħtieġa ta' patching tat-tarcam fejn qed iżomm l-ilma .

16.5.7 Il-kunsillier Stephen Mercieca talab ukoll sabiex inġibu stima għat-turġien tat-taraġ li minn sqaq fi' Triq il-Ħamri għal Triq Sant Antnin. il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ ta' rinnovar.

16.5.8 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għat-talba li kienet saret biex jinbdilu l-bankijiet ta' Triq iż-Żewwieqa. Huwa staqsa wkoll x'kien sar mill-Planning Gain imħallsa għall-applikazzjoni tal- Mgarr Hotel. Is-Sindku wieġeb li konna ressaqna din it-talba lic-Chairman tal-MEPA iżda għadna mingħajr risposta billi waqt id-'demerger' mill-MEPA għall-Planning Authority u ERA.

16.5.9 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għall-ħtieġa urġenti li tiġi nstallata traffic hump fi Triq J F Chambray. Is-Sindku kkonfermalu li t-traffic humps waslu u ser jiġu mwaħħla fuq il-post għada filgħodu.

16.5.10 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa meta ser issir il-laqgħa mal-Ministeru ta' Aaron Farrugia rigward il-proġett ta' Park f'Ta' Passi. Is-Sindku wieġeb li kellna appuntament u kellu jiġi pospost. Sar qbil li għandna nibgħatu reminder għal data oħra.

16.5.11 Fuq suġġeriment ta' Franco Ciangura, sar qbil ukoll li għandna nibgħatu lil Ministeru għal Għawdex u nistaqsuha f'liema stadju wasal il-Cost Benefit Analysis li kien qed isir dwar dan is-sit u l-attivita' marbuta miegħu Bethlehem f'Għajnsielem.

16.5.12 Il-kunsillier Teddy Saliba ssuġġerixxa li jsir xi dwal għat-trakka tar-roti. Sar qbil li għandna mmorru għal xi ħaġa ekoliġika u *maintenance free.*

16.5.13 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa meta ser ikun lest l-istore u meta ser inkunu nistgħu nġorru minn post għall-ieħor. L-istore li krejna bdejna nużawh u għalissa bdejna nġorru l-oġġetti *bulky.* Il-kumplament tal-istock li hemm fl-istore inġorruh appena nkunu ser nagħtu bidu għall-proġett tal-librerija. Il-kunsillier Saliba enfasizza dwar l-importanza ta' stock taking kif inġorru l-istock minn post għall-ieħor.

16.5.14 Il-kunsillier Teddy Saliba staqsa f'hiex wasal il-pjan għall-aktar dawl quddiem il-kunsill. Is-Sindku spjega kif l-arblu huwa ordnat u qed nistennewh li jkun għandna ma jdumx. Sar qbil ukoll li għandna nipprovaw ingibu funding mid-DPD funds għal-*low light pollution fittings* tul it-triq ta' quddiem l-każini.

16.5.15 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-ħtieġa ta' tindif ta' parti minn Wied Simirat. Is-Sindku kkonferma li proprju dalgħodu l-ħaddiema naddfu l-parti ta' wara d-djar.

16.5.16 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura ġie kkuntatjat minn xi ħadd li xtaq jintervista lil xi ħadd rigward il-voluntarjat Huwa propona li nimmominaw li Joanne Debrincat u lil Joseph Ciantar għal din l-intervista. Is-Sindku wieġeb li oriġinarjament ikkuntatjaw lilu iżda għadda l-kuntatt tal-Viċi Sindku. Il-Kunsill qabel ma' dan.

16.5.17 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura għamel referenza għal bankina fi Triq il-Ġnien li saritilha xi ħsara mill-kuntrattur waqt li kienu qed isiru xi xogħolijiet u jinħtieġ li tittranġa minnu. Is-Sindku infurmah li diġa kellem lill-kuntrattur responsabli mit-tarmac ta' Triq Provigarju dwarha.

16.5.18 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex issa li għaddejna pipe tal-ilma lejn Ta' Passi, nwasslu sa wara l-għar. Sar qbil ma' dan.

16.5.19 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab li l-għadira tal-papri terġa timtela bl-ilma.

16.5.20 Il-Viċi Sindku Franco Ciangur rrefera għall-Frame tal-ħadid li tana l-kunsillier Teddy Saliba u li fuqu nistgħu nużawh biex nagħmlu xi tip ta' promozzjoni tal-lokal.

## 16.7 Problema tal-Knis madwar ir-raħal

16.7.1 Is-Sindku rrefera għal din il-problema persistenti u kif kien ser jerġa jistiednihom għal laqgħa. Huwa spjega kif qed iħossu ferm iddiżapuntat bil-ħmieġ ġenerali li hawn fir-raħal u bin-numru kbir ta' lmenti li qed nirċievu ta' kuljum . Huwa spjega kif ma jħossx li għandna noqodu niġbdulhom l-attenzjoni kuljum jew nkella ma jsir xejn. Hawn ħafna tgergir mar-raħal kollu fuq dan ir-rigward. Huwa spjega kif igħandu jibda jiġi diskuss tender ġdid filwaqt li ssir diskussjoni aktar serja magħhhom..

16.7.2 Minn naħa l-oħra huwa rrefera għat-talbiet li għamlulna ta' Għajnsielem FC biex nikkollaboraw magħhom f'xi attivitajiet li ser jorganizzaw, waħda ta' training

camp f'Malta u l-oħra ta' xiri ta' kits lit-tfal tan-nursery. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin pero għandu jevalwa t-talbiet qabel.

## 16.8 Żjara mill-Ministru għal Għawdex lit-trakka tar-roti

16.8.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li ser tinżamm bejn il-Kunsill u l-Ministru għal Għawdex fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar is-Sibt 19 ta' Settembru fl-4:00pm u wara fil- 5:00pm ser ikun mistieden jagħmel żjara lit-trakka temporanja tar-roti li l-iskop tagħha hu li xi darba ssir waħda permanenti x'imkien.

## 16.9 Miżura 4.3 – Kisi bil-konkrit lil-Triq ta' Bordin

16.9.1 Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni tat-talba li għamilna biex is-savings li għandna f'dan il-proġett nużawhom fi Triq Ta' Bordin. Għadna qed nistennew l-grant agreement biex inkunu nistgħu nipproċedu bix-xogħolijiet u bil-procurement meħtieġ.

## 16.10 Miżura 4.4 - Ħitan tas-sejjieħ

16.10.1 Is-Sindku rrefera għax-xogħolijet ta' restawr ta' ħitan tas-sejjieħ li qed isir taħt Miżura 4.4. Huwa faħħar ħafna x-xogħolijiet li qed isiru bl-aqwa sengħa u mexjin b'rittmu tajjeb ħafna. Huwa spjega kif taht din il-miżura għad fadal xi *savings* ta' madwar €60,000 u huwa propona li għandna nitolbu sabiex nużawhom f'meded oħra ta' ħitan fl-istess post u f'xi nħawi viċin. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu l-aħħar biċċa lejn il-ġnien taż-żebbuġ u li naqbdu sezzjoni oħra li hija n-niżla tax-Xatt l-Aħmar mill-belveder l-isfel.

## 16.11 CCTV Cameras ġodda

16.11.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-vandaliżmu li qed isir f'ċertu żoni fosthom fil-Playing Field Amabile Cauchi, fil-Pjazza tad-Dehra u f'Ta' Passi. Huwa propona li għandha ssir sitema ta' CCTVs f'dawn iż-żoni. Sar qbil li għandha ssir camera li taqbad il-Playing Field, oħra fil-Pjazza tad-Dehra u tnejn oħra f'Ta' Passi speċjalment ħdejn l-annimali.

## 16.12 Bethlehem f'Għajnsielem 2020 u Ta' Passi

16.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi irrefera għal fatt li Ta' Passi għandu bżonn Clean Up għax jinsab fi stat diżastruż u tal-mistħija. Għalhekk huwa propona li norganizzaw Clean Up tajba f'dan il-post.

16.12.2 Huwa staqsa wkoll x'inhi l-possibilita' li jiżdiedu aktar bins possibilment miksija bl-injam anke permezz ta' recycable pallets. Sar qbil ukoll li għandna nistaqsu lil Wasteserv jekk għandhomx xi bins addatti għal dan il-post.

16.12.3 Is-Sindku rrefera għall-annimali li hemm f'dan il-park u għal fatt li hemm il-ħmara li qed jieħdu ħsiebha żewġ Żvediżi. Dawn qed jinsistu li mhemmx biżżejjed spazju u sahansittra talbu wkoll biex jeħduha magħhom u jieħdu ħsiebha huma. Il-Kunsill ma' aċċettax dan għax dik ingħatat minn sidha sabiex tinżamm fil-post. Rigward iħ-ħiemel għall-ewwel kellna xi problemi imma l-affarijiet tranġaw u hemm persuna dedikat li qed jieħu ħsiebu. Hemm persuna oħra li tieħu ħsieb it-tiġieġ u l-qtates u s'issa jidher li l-affarijiet mexjin tajjeb.

16.12.4 Is-Sindku talab lill-Viċi Sindku Franco Ciangura sabiex jagħti update dwar x'ser jigri minn Bethlehem f'Għajnsielem 2020. Il-Viċi Sindku minn naħa tiegħu rrefera għall-ħtieġa ta' facelift ta' wara l-għar. Huwa spjega kif irid jitneħħa d-demel peress li ser isir passaġġ. Huwa spjega kif nistgħu wkoll inżidu guva oħra biex b'hekk inkunu nistgħu nikkontrollaw il-ġiri tat-tiġieġ u nnaqsu l-inkonvenjent lil-bdiewa tal-viċin.

16.12.5 Il-Viċi wera l-preokkupazzjonijiet tiegħu li f'dawn iċ-ċirkustanzi tal-Covid 19, żgur li l-attivita' bħas-soltu mhux ser issir peress li hija attivita' tal-massa. Huwa spjega li jista minflok tiġi organizzata esebizzjoni fil-kmamar u fil-madwar permess ta' statwi u posters relatati mal-attivita' annwali. Huwa spjega li xorta jinħtieġ li ssir il-manutenzjoni u tindif neċessarju. .Rigward statwi ġie propost li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex u lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jekk jistgħux jgħinuna finanzjarjament. Sar qbil li qabel ma niddeċiedu x'tip ta' attivita' tista ssir huma mperattiv li jsir ir-*risk assessment* konformi mad-direttivi tal-MTA f'dawn iċ-ċirkustanzi. Sar qbil ukoll li għandna kemm jista jkun malajr tinżamm laqgħa tal-Kumitat Bethlehem f'Għajnsielem u għaliha jkun preżenti rappreżentant mill-Ministeru għal Għawdex.

16.12.6 Il-Viċi Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' saqaf tal-plywood għall-ħmara. Huwa rrefera għal żewġ panels li hemm f'Tal-Boċċi li mhumiex jintużaw u nistgħu nitolbuhomlhom.

16.12.7 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għad-diversi abbużi li qed isiru f'Ta' Passi fosthom tfal li qed jagħmlu vjolenza u uħud irresponsabli fejn saħansittra tefgħu l-velenu mal-ikel tal-qtates.

## 16.13 Żbir lis-Siġar Pjazza tad-Dehra

16.13.1 Is-Sindku avża lill-Kunsill li fl-aħħar irnexxielna niksbu l-permess tal-ERA sabiex niżbru s-sigar tal-Pjazza tad-Dehra kif meħtieġ. Sar qbil li la ser issir żabra sewwa ta' heavy pruning għadna nġibu stima mingħand kuntrattur privat.

16.13.2 Is-Sindku staqsa lill-kunsilliera x'inhuma l-veduti tagħhom rigward dak iz-zokk il-mejjet jekk inħawwlux siġra oħra minn floku jew noħolqu attrazzjoni minnu. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura semma il-possibila ta' siġra finta bil-weraq tal-fiber maħduma min nies. Sar qbil li għadna naħsbu fuq idejat differenti u niddiskutom flimkien.

## 16.14 Hruġ mill-ġdid lit-Tender tal-Irrigation

16.14.1 Wara li saret l-evalwazzjoni tal-offerta mitfugħ minn żewġ suppliers, instab li ż-żewg offerti ma kwalifikawx peress li kellhom dokumentazzjoni obligatorja nieqsa. Għalhekk il-Kunsill ma għandux triq oħra għajr li jerġa joħroġ l-offerta mill-ġdid. Sar qbil ukoll li l-Bord tal-Evalwazzjoni għandu jkun kompost mill-istess membri.

## 16.15 Tender tal-Patching

16.15.1 Sar qbil li għandna nippubblikaw tender għal żoni fejn hemm il-ħtieġa ta' major patching bil-hot rolled asphalt.

## 16.16 Wara l-Interview tal-iskema CIES

16.16.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat kif mil-lista provduta mill-Jobplus għal dan il-post, ssejħu kollha għall-interview li nżamm mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Bħala attendenza kien hemm biss Bryanna Saliba u hija kwalifikat għall-mistoqsijiet imressqa għal-post ta' receptionist/clerk fl-

iskema CIES. Il-Kunsill qabel li għandu jagħtiha l-appointment b'effett mill-1 t'Ottubru 2020.

## 16.17 Materji oħra

16.17.1 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għall- bozza ġdida fi Triq 26 ta' Jannar 1855. It-talba ġiet approvata u għandha tiżdied mal-lista.

16.17.2 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex teħel tabella biex ma jghumux klieb fil-bajja tal-Ġardun. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba billi nibgħatu email lid-Direttur Joseph Cutajar u cc lill-Amity Galea.

16.17.3 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal Traffic Management fi Pjazza Madonna ta' Loretu kantuniera ma' Triq Roman Perollos. Sar qbil li għandna nimplimentaw il-fishbone parking fi Pjazza Madonna ta' Loretu u naraw x'jista jsir f'dan is-sit.

16.17.4 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għal double yellow lines fi sqaq fi Triq Mgarr u tindif fl-istess sqaq. Din it-talba ġiet approvata.

16.17.5 Ġiet trattata talba sabiex jitneħħa disabled parking bay fi Triq Għajnsielem li ma għadhiex tintuża. Sar qbil li għandna nivverifikaw dan l-ilment u nipproċedu dwaru.

16.17.6 Ġie trattat Ilment minghand resident bi problema ta' qbil tal-ilma tax-xita fi Triq il-Mogħdija. L-istess resident talab ukoll għal swimmers zone fiż-Żewwieqa il-barra mill-moll. Rigward din it-talba tal-iswimmers zone għandna nressqu t-talba għal Novembru.

16.17.7 Ġiet trattat l-ilment mingħand id-Dipartiment tal-Public Cleansing bil- problema tal-boroż suwed tal-iskart li qed jintefgħu fi Triq ix-Xatt l-isfel minn ta' Miema. Il-Kunsill insista li ma jiġborx l-iskart tal-Imġarr hu peress li skond l-Avviż Legali, il-ġbir tal-iskart mill-port tal-Imġarr huwa kompentenza tal-Gvern Ċentrali.

16.17.8 Talba mingħand residenta li toqgħod ħdejn iċ-ċimiterju sabiex tittranġa il-mera li ntlaqtet minn xi karozza. Talbet ukoll biex jeħel l-isem tat-Triq peress li qiegħed ikollha ħafna problemi bil-posta. Sar qbil li għandna nirrimedjawhom.

16.17.9 Ġiet trattata t-talba mingħand resident fejn talab għal Communial disabled parking bay fi Pjazza Indipendenza. Sar qbil li f'din il-Pjazza

ma hemmx parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' u għalhekk din it-talba ġiet approvata.

16.17.10 Ġiet trattata t-talba mingħand resident għal zewġ mirji faċċatta tal-Blokka il-Pjazzetta fi Triq Gleneagles fuq pole. Din it-talba ma' ġietx aċċettata peress li s-sorijiet ma jridux mirja mal-faċċata tagħhom.

16.17.11 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex is-sellum fil-bajja ta' wara il-moll taż-Żewwieqa jibqa hemm is-sena kollha peress li jibqgħu jinżlu jgħumu anke sa' Novembru. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba.

16.17.12 Talba mingħand residenta sabiex issir road hump fi Triq iż-Żewwieqa il fuq minn Country Terrace. Sar qbil li għandna nerġghu nressqu t-talba sabiex il-humps jerġgħu jsiru.

## 16.18 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

16.18.1 Il-laqgha intemmet fit-7:00pm u giet aggornata minghajr data għal-laqgħa li jmiss.





**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**